# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Ir-Re Husejn jiżżewweġ Ingliża** — Għal bidu ta' Mejju xterdet l-aħbâr li r-Re tal-Ġordanja, Husejn I ħatar b'għarûstu xebba Ingliża, jisimha Toni Gardiner, t'20 sena, bint Kurunell Ingliż li qiegħed Għammân bħala Adviser fil-British Training Mission. Il-Kurunell kien suldât u ngaġġa fis-sena 1927. Huh għadu s'issa barman f'Mess tas-Servizz. Ir-Re ltaqa' ma Toni f'dance tal-R.A.F. Ingliża, fejn kienet mistiedna ma' missierha u ommha. Qal hu n-nifsu li x-xebba għoġbitu wisq għax għad li kienet taf li hu Re, ġiebet ruħha miegħu bħalli kieku kien xi żagħżugħ bħall-oħrajn, ħabib tagħha. Ix-xebba biex tisma' mir-Re ħadet l-isem Għarbi ta' Mûna u qalbet Misilma u qegħda titgħallem il-lingwa Għarbija. Il-Għarab tal-Ġordânja ferħu b'dil-għerusija, imma l-qrâba u l-ħbieb tar-Re wissewh li ma jeħodhiex, għax jista' jdaħħal fit-tiġrîb lil saltnatu. Wisq Ingliżi wkoll ma għoġbithomx dil-għażla, għax tâgħti r-rîħ lil għedewwa li jgħidu li l-Ingliżi qegħdin jindaħlu fil-Politka tal-Ġordânja. B'dan kollu r-Re żżewweġ lix-xebba Ingliża nhar il-Ħamîs, 25 ta' Mejju, b'ċerimonja qasîra u ftît saret festa. Il-President Nâser bagħat jifraħ lil Husejn, u ma semmielux "żwieġ", imma "Għîd tad-Djiena". Toni ma hix sa tkun Reġîna, imma biss "mara" tar-Re. Husejn iżżewweġ darba oħra qabel, lil xebba qarîba tiegħu, li issa qegħda l-Eġittu għand missierha. Għandu tifla ta' ħames snin li qegħda trabbiha nurse Ingliża, f'Għammân.

**Il-Ġuri ta' Eichmann** — Qiegħed isir f'Israel, il-Palestina il-ġuri ta' Adolf Eichmann, li fi żmien il-gwerra li għaddiet Hitler kien ħalla f'idejh il-qerda tal-Lhud fil-Ġermanja u fl-artijiet li waqgħu taħt idejn il-Ġermaniżi. Telgħîn jixhdu fil-qorti nies li għaddew minn ġrajjiet ta' kefrija li tkexkex, u li wara b'xorti kbîra seħħilhom jibqgħu ħajjîn u jaħarbu. Intqal kif eluf ta' tfâl żgħâr kienu maqtûla mill-Ġermanîżi waqt il-mixi lejn il-ħabsijiet, talli kienu jibku bil-ġugħ, bil-ksieħ, u bil-għejja. Kerha għall-aħħar hi l-ġrajja ta' mara Lhudija li ma' eluf ta' Lhud oħra kienet midruba bil-balal tal-azzarini tal-Ġermanîżi u mixħuta ġewwa foss b'ħafna nies oħra midrûba u mejta taħtha u fuqha, u kif bdiet tiġġebbed biex teħles minn bejniethom, bdew jigdmuha u jrossuha 'l isfel biex tibqa' hemm u tmut magħhom. Intqâl ukoll kif fis-sena 1943 il-Lhud damu xahrejn jitqâbdu mal-Ġermaniżi f'Warsaw u hekk aktar ħrâxet il-qerda tagħhom. Issemma kîf wieħed mill-kbarât Lhud ħeles lil familja tiegħu u qarraq bi sħâbu l-Lhud l-oħra. Eichmann stess qatel tifel Lhudi li kien jaħdem fil-ġnien tiegħu, għax seraqlu xi żewġ ċirasiet minn siġra u kielhom. Xi ġrajja, imma, jidhru li huma mgħaġġbîn, bħal meta l-Ġermanîżi qabdu għadd ta' Rabbîn Lhud u ġiegħluhom jerfgħu jdejhom u jitolbu 'l Alla, u kif kienu hekk xarrbuhom bil-petrolju u tawhom in-nâr, u dawna, huma u jinħarqu, baqgħu b'dirgħajhom merfugħîn lejn is-sema. Wieħed jista' jaqra fit-tûl fuq dan il-ġuri, għax wisq gazzetti ta' barra, u wħud ta' Malta kitbu fuqu. Naraw imma sa fejn jista' jasal il-ħażen ta' dawk li ma jibżgħux u la mn'Alla anqas min-nies, għax il-Ġermanîżi waslu f'dil-kefrija kollha għax ma emmnux li hemm Alla li jagħmel ħaqq, u għamlu tagħhom ir-rebħa aħħarija tal-gwerra.

# REQUIESCANT IN PACE (*)

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

IL-BELT — Giovanni Baldacchino, Rużarja Baldacchino, Katarina Baldacchino, Franġisk Galea.

HAŻ-ŻABBAR — Pawlu Grech, Ġużeppi Gauci, Wenza Pulis, Ġużeppi Pulis, Karlu Pulis, Dolor Pulis, Feliċa Scicluna, Toni Camilleri, Karmni Camilleri, Ġużeppi Camilleri, Grezz Camilleri, Pawlina Camilleri. Salvu, Lia, Katerin Lia, Karmnu Pulis, Anġelku Pulis, Wenzu Pulis, Vitor Pulis, Ġużeppi Gatt, Wiġi Barbara, Wistina Barbara, Silvja Żerafa, Ester Carbone, Karmena Carbone, Mikiel Axiaq, Grezzja Demicoli, Ġuditta Tedesco, Pawlu Zerafa, Ċikku Zerafa, Joseph Attard, Zabbetta Attard, Marija Axisa, Karmnu Axisa, Wenzu Axisa, Ġużeppi Attard, Karmenu Attard, Marijann Axisa Ġanni Zarb, Ġużeppi Gauci, Anġla Darmanin, Toni Darmanin, Pawlu Buħaġar, Gejtan Buħaġar, Masu Gatt, Ġużeppi Gatt, Patist Gatt, Marija Gatt, Anġolina Ellul, Mikiel Ellul, Manwel Barun, Ġużeppi Barun, Marijanna Muliett, Ġuża Xerri, Franġiska Grima, Ġolu Grima, Pawlu Zerafa, Karmenu Cassar, Pawlu Cassar, Rafel Cassar, Ġużepp Cassar, Karmnu Cassar, Saver Ellul, Ġużeppi Pulis, Wiġi Pulis, Ċensu Pulis Emilja Pulis, Toni Said u Manweli Said.

IL-GŻIRA — Elisabet Cauchi, Katarina Cauchi, Salvu Buttiġieġ, Mary Zammit, Edward Gera, Ġannikol Vella, William Vassallo, Lugarda Vassallo, Kamilla Engerer, Henry Engerer, Spira Ciantar, Manwela Ciantar, Charles Brincat, Gajtana Goodlip, Mikiel Darmanin, Toninu Fenech, Susanna Montalbano, Marija Gauċi, Netta Fsadni, Saverju Fsadni, Rożina Farrugia, Pawlu Gauċi, Spiru Stafrace, Charles Gauċi, Marċell Gauċi, Ġulja Cassar, Marija Cassar, Salvu Mifsud, Liża Mifsud, Albert Doublet, Mary Doublet, Anton Depares, Ġanni Casha, Franġisk Chetcuti, Anna Chetcuti, Anġla Cilia Rosina Cilia, Pinu Cilia, Ġużeppi Zarb, Marjann Attard, John Cassar, Frank Cassar, Karmenu Cuschieri, Rużarja Vella, Katerina Sammut, Karmena Curmi, Ġanna Catania, Filomena Cremona, Kelina Cremona, Lucy Cassar.

L-ISLA — Ġanni Gauċi, Ġużeppi Gauċi, Karmena Busuttil, Marija Vella, Anġla Schembri, Karmenu Schembri, Karmena Cachia, Anġlu Cachia, Karmenu Camilleri, Natalie Camilleri, Wiġi Muscat.

IN-NAXXAR — Karmenu Muscat, Vitor Muscat, Salvu Vella, Marijanna Vella.

B'KARA — Antenare Rossi, Maggie Rossi, Albert Rossi.

ĦAL-BALZAN — Karmena Grima Wiġi Grima, Fidiel Grima, Ġużeppina Danieli, Dolor Cilia, Ċikku Farrugia.

IL-BIRGU — Anġla Baldacchino, Ġużeppi Baldacchino, Toni Scicluna, Leni Ceci, Lino Ceci, Lużarja Formosa.

ĦAL-GĦARGĦUR — Indri Sammut, Karmni Bezzina, Bertu Bezzina, Ċikku Bezzina u Mikiel Bezzina.

ĦAL-MUXI — Karmni Buġeja, Peppi Buġeja, Toni Buġeja, Gawdenjza Zammit - Gauċi, Ġannikol Zammit-Gauċi, Pina Aquilina, Mari Abela, Katarin Bonniċi, Patist Bonniċi, Pina Bonniċi, Dun Salv Caruana, Ġuża Cortis.

IR-RABAT — Wiġi Zammit, Marijann Zammit, Ċensu Vella, Ġużeppa Zammit, Lukrezja Sammut, Toni Callus, Peppi Mallia, Tereż Mallia, Mari Sant, Tona Sant, Lukrezja Mizzi, Wenzu Sant. Lużarja Briffa, Rożina Cassar, Lużar Briffa.

IL-MARSA — Thomas Pace, Louis Pace, Regin Pace, Pawlina Pace, Francis Pace, Ludovico Pizzuto. Maria Anna Pizzuto. Maria Publio Pizzuto, Carmelo Pizzuto Antonio Pizzuto, Carmela Pizzuto, Guża Sammut, Rosalia Sammut, Paolo Sammut, Carmela Sammut, Salvatore Sammut, Giovanni Gatt, Giuseppe Caruana, Luisa Camilleri, Manuele Caruana, Giuseppe Caruana Salvu Caruana, Maria Caruana, Catarina Caruana, Annunziata Caruana Giuseppe Caruana, Francesca Caruana, Paolo Caruana, Carmelo Caruana, Giuseppe Ellul, Rosanna Ellul Giovanni Cilia, Giuseppe Cilia, Manuele Borda, Maria Anna Borda, Giuseppe Borda, Paola Calleja, Spiro Calleja, Paola Saliba, Salvu Calleja, Carmelo Calleja, Antonio Calleja, Manuel Calleja. Żarena Galdes, Manuel Galdes, Annunziata Fenech, Paola Fenech, Carmela Fenech, Ignazio Grech, Concetta Grech, Francesco Galdes, Carmela Calleja, Sapienza Calleja, Concetta Calleja, Giuseppe Calleja, Ignazio Buġeja, Manuela Buġeja, Antonio Buġeja Andrea Buġeja, George Buġeja Carmelo Buġeja, Andrea Buġeja, Carmela Buġeja, Andrea Agius, Maria Agius, Carmelo Farrugia.

ZEJTUN — Giuseppa Caleja, Antonio Calleja, Anġolina Calleja.

MOSTA — John Agius.

IR-RABAT, GĦAWDEX.

Mikielanġlu Cassar, P. Farrugia, Antonia Farrugia, Karmela Debono, Ġużeppi Farrugia Agostina Farrugia Lwiġi Calleja, Karmelu Sammut, Ġużeppi Sammut, Grezja Mercieca, Karmelo Grech, Ġużeppi Grech, Lwiġi Attard, Filomena Attard, Antonja Attard, Ġużeppi Attard, Karmela Attard, Margerita Tabone, Lwiġi Attard, Marija Tabone, Karmelu Tabone, Emmanwele Cini, Marija Ċini, Ġużeppi Attard, Roża Attard, Franġisku Pavia, Ġużeppi Attard, Vinċenzo Attard, Antonio Zammit.

IL-QALA — Margerita Camileri.

IL-MUNXAR — Karmnu Xuereb, Rożi Xwereb, Marijann Cassar, Anġlu Cassar, Dolor Cassar, Mari Cassar, Ġużepp Cassar, Karmnu Attard, Ġużepp Sacco, Lureta Sacco, Inġierka Sacco, Kalanġ Debrincat, Cikku Debrincat, Mari Debrincat.

TA' KERĊEM — Mari Mizzi, Wenzu Mizzi, Salvu Grech, Peppa Attard, Ġorġi Attard, Vitorja Galea Ċikka Galea, Mari Galea, Orsla Galea Ester Galea, Ġużepp Azzopardi, Anni Vella, Peppa Buġeja, Massiminu Buġeja, Toni Buġeja.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*

(*) Il-bqija tal-ismijiet tal-Mejtin inġibuhom f'ħarġa oħra; imma s-sufraġji għar-ruħhom fl-Imkejjen Mqaddsa ta' Ġerusalem, isiru xorta waħda.